Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru 9/1997

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Abdalla M. Hamed**
**u**
***... omissis ...***

Illum, 22 ta' April 2004

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-1 ta' April 1998 mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' l-appellant u persuna ohra (Mustafa Ali Larbed) u li tghid hekk:

" Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza Nru. 9/97;

Rat il-verdett tal-gurati moghti llum stess li bih bi tmien voti kontra wiehed sabu lil Abdalla M. Hamed hati ta' importazzjoni tad-droga erojina skond l-ewwel kap tal-imsemmi att ta' akkuza, u sabuh ukoll unanimament hati ta' pussess tad-droga erojina skond it-tieni kap;

Rat ukoll il-verdett tal-gurati li bih b'seba' voti kontra tnejn sabu lil Mustafa Ali Larbed mhux hati ta' importazzjoni tad-droga erojina skond l-ewwel kap izda sabuh unanimament hati ta' pussess tad-droga erojina skond it-tieni kap;

Rat ir-risposti tal-gurati ghall-kweziti tal-Qorti fis-sens li l-gurati sabu unanimament li d-droga imsemmija (fit-tieni kap) ma kienitx ghall-uzu personali ta' Abdalla M. Hamed; li kienu qed isibu lil Mustafa Ali Larbed unanimament hati ta' pussess ta' l-ammont kollu msemmi fit-tieni kap tal-att ta' akkuza, jigifieri elf, mitejn u tmienja u tletin punt seba' grammi ta' erojina; kif ukoll li kienu qeghdin unanimament isibu li d-droga msemmija (fit-tieni kap) ma kienitx ghall-uzu personali ta' Mustafa Ali Larbed;

Tiddikjara lil Abdalla M. Hamed hati ta' importazzjoni ta' erojina bi ksur tal-ligi skond l-ewwel kap tal-att ta' akkuza. kif ukoll hati ta' pussess ta' erojina bi skur tal-ligi; b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi att; tiddikjara lil Mustafa Ali Larbed mhux hati skond l-ewwel kap tal-att ta' akkuza u minnu tilliberah, izda tiddikjarah hati ta' pussess ta' erojina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar taht tali cirkustanzi li juri li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi att ta' akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-hati Abdalla M. Hamed u lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati Mustafa Ali Larbed dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont ta' droga involuta u z-zmien li l-hatja diga ghamlu taht arrest preventiv;

Rat l-Artikoli 9,10, 12, 15A, u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) tal-Kap. 101; l-Artikoli 11,17(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali; kif ukoll ir-regula 8 tar-Reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi;

Tikkundanna lill-imsemmi Abdalla M. Hamed ghall-piena ta' erbatax -il sena (14) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-periodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghal multa ta' hamsa w tletin elf lira (Lm35,000) konvertibbli fi tmintax il-xahar prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra, u tal-propjeta' immobbli kollha tal-imsemmi Abdalal M. Hamed ukoll jekk il-propjeta' immobbli minn meta huwa kien gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta' immobbli jew propjeta' mobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta;

Tikkundanna lill-imsemmi Mustafa Ali Larbed ghall-piena ta' disa' (9) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghal multa ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) konvertibbli f'sena prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Fl-ahharnett, tordna liz-zewg hatjin ihallsu lir-Registratur kull wiehed is-somma ta' mija u tletin lira (Lm130) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li l-erojina involuta f'dan il-kaz tigi distrutta mir-Registratur, okkorrendo bl-assistenza ta' Dott. Anthony Abela Medici u dan fi zmien gimghatejn mil-lum kemm -il darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota prezentata mhux aktar tard mill-gimgha, 3 ta' April, 1998 li l-istess droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi

proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jippresenta fl-atti ta' dan il-process proces-verbal bid-dettalji kollha tal-process ta' distruzzjoni."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fit-23 ta' April 1998 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata riferibilment ghall-ewwel u t-tieni kap ta' l-att ta' akkuza relattiva u tiddikjarah mhux hati ta' l-istess akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni f'dan ir-rigward billi thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u billi tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni in materja ta' l-akkuza kif formulata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-uniku aggravju ta' l-appellant huwa li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz. Kemm fir-rikors ta' appell kif ukoll waqt is-sottomissjonijiet orali, gew elenkati r-ragunijiet principali li minhabba fihom, skond l-appellant, il-gurija ma setghetx ragonevolment u legittimament tasal ghal konkluzjoni ta' rejita` fil-konfront tieghu. Dawn jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-appellant gie uzat minn min kien ko-akkuzat mieghu sabiex tigi importata l-eroina f'Malta peress li huwa ma kienx konsapevoli li kien hemm l-eroina mohbija fil-qiegh falz tal-basket li kien qieghed igorr meta wasal Malta.

2. Huwa kien sar jaf lil Mustafa Ali Larbed ghall-habta ta' Awissu 1996 u kien silfu xi flus li Larbed ma restitwiex. Waqt li Larbed kien it-Turkija, l-appellant cempillu dwar il-kreditu tieghu u gie suggerit lill-appellant li dan jakkompanja lil Larbed Malta ghal xi kuntatti ta' negozju li setghu jwasslu biex l-appellant jigi rimborzat, u dan barra li Larbed qal li kien qed jistenna xi flus provenjenti minn pajjiz iehor.

3. Fil-kors tal-guri gew esebiti dokumenti li juru li l-appellant kien verament involut f'negozju legittimu.

4. F'Tunes ma kienx l-appellant li xtara mill-hanut tad-*duty free* u nghata baskett bir-reklam tal-Marlboro u li fih instabet id-droga izda kienet persuna ohra.

5. Mal-wasla tieghu Malta, l-appellant dahal hu bil-*carrier bag* ghax inghatalu minn Larbed li kien jaf li ser jinzamm mill-ufficjali tad-dwana.

6. Il-Pulizija ma kienu taw l-ebda ordni biex l-appellant jinzamm.

7. Wara li l-appellant ghadda mid-dwana, baqa' jistenna lil Larbed, li kien inzamm mill-Pulizija, fl-ajruport ghal xi siegha u dan juri kemm ma kienx konsapevoli bil-kontenut tal-basket.

8. L-ewwel marru joqoghdu 115 The Strand izda Larbed iddecieda li kellhom imorru fil-Hotel Santana f'Bugibba. L-appellant ipprotesta minhabba li flusu kienu qed jonqsu u kien ghadu ma giex rifuz l-ammont li kien silef lil Larbed. Ghalhekk insista li l-kiri tal-kamra fil-Hotal Santana ssir f'isem Larbed.

9. Meta saret l-irruzzjoni fil-kamra li l-appellant kien qieghed jokkupa ma' Larbed fil-Hotel Santana, huwa ma nstabx jinnavika fl-eroina izda kien bilqeghda liebes il-pyjama filwaqt li Larbed kien barra jcempel. Fil-fatt meta diga` kienu qeghdin f'din il-lukanda, f'okkazjoni minnhom l-appellant hareg jixtri u meta rritorna sab lil Larbed johrog l-eroina mill-qiegh tal-basket li kien gab l-appellant. Tlewmu peress li qatt ma kien imdahhal f'dawn l-affarijiet izda gie assigurat li dalwaqt kien se jigi rimborzat u ghalhekk ma kellux alternattiva hlief li jibqa' biex jigbor flusu.

10. Il-gurija naqset li tikkunsidra l-effett psikologiku li pprovokat l-irruzzjoni tal-Pulizija fil-kamra. L-appellant twerwer u qal affarijiet li ma kinux minnhom. Meta

mbaghad kien cert li kien f'idejn il-Pulizija, ghamel stqarrija fejn cahad li kellu x'jaqsam ma' l-eroina u spjega ghaliex kien tkellem mod iehor meta dahlu fuqu l-Pulizija.

11. Is-Surgent Angelo Caruana xehed li meta fittex fil-ggieget ta' l-appellant u ta' Larbed, huwa ma sab xejn fil-gakketta ta' l-appellant. Instab pakkett wara li gew l-pulizija addetti ma' l-Iskwadra ta' kontra d-droga.

Bhalma gie kostantement ritenut, f'dan il-kamp delikat ta' apprezzament tal-provi rrizervat ghall-gurati fil-kors tal-guri, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghal verzjoni jew ghal ohra. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat li nsista fuqha meta xehed waqt il-guri. Huwa evidenti li l-gurati sabu aktar verosimili dak li l-appellant qal lill-Pulizija waqt it-tfittxija li saret fil-kamra tieghu milli emmnu c-cahda tieghu waqt li kien qieghed jaghmel l-istqarrija u x-xiehda tieghu fir-rigward.

Din il-Qorti fil-fatt ma tistax ma tirreferix ghal certi dettalji li juru l-konsapevolezza ta' l-appellant dwar id-droga. Hekk, per ezempju, l-appellant gie mistoqsi waqt it-tfittxija x'kienet id-droga li nstabet mill-Pulizija u hu wiegeb li

kienet eroina - minn analizi forensiku rrizulta li fil-fatt id-droga kienet eroina. L-appellant indika li din ingabet mit-Turkija - l-esperti forensici ddikjaraw li in effetti kienet eroina provenjenti mit-Turkija. L-appellant qal waqt it-tfittxija li kien hemm mitt gramma f'kull borza - mill-analizi forensiku rrizulta li fil-fatt fi tnax-il borza kien hemm prattikament mitt gramma f'kull borza. Meta xi hin waqt it-tfittxija gie mistoqsi fejn kien it-tape li kienu ghalqu l-boroz bih, huwa ndika kexxun tat-twaletta fejn fil-fatt instab. Huwa minnu li meta xehed waqt il-guri, l-appellant qal li dakinhar li sab lil Larbed jinnavika fid-droga, ghamlu lejl jitkellmu fuq dan is-suggett. Izda m'hemmx dubju li din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li kellha ssir mill-gurija - u l-appellant seta' jitwemmen dwar dak li qal daqs kemm seta' ma jitwemminx.

L-appellant ighid ukoll li twerwer meta saret l-irruzzjoni mill-Pulizija u beda jghid affarijiet li ma kinux minnhom - izda diversi dettalji li ta rrizultaw korretti. L-appellant ighid li meta saret l-irruzzjoni mill-Pulizija, kien qieghed bilqieghda ma jaghmel xejn - dan huwa minnu, izda skond Franco Vella, il-manager tal-lukanda li kien prezenti, kien l-appellant li ghadda lill-Pulizija c-cavetta tal-katnazz tal-baskett li go fih instabet id-droga. L-appellant ighid li tlewwem ma' Larbed meta sabu johrog id-droga mill-baskett - izda xorta baqa' fil-lukanda mieghu semplicement ghax ried rifuzjoni tal-flus allegatament mislufin lil Larbed. L-appellant ighid li meta s-Surgent Caruana fittex fil-gakketta tieghu ma sab xejn izda mbaghad instabet borza minn pulizija ta' l-iskwadra kontra d-droga - mix-xiehda tas-Surgent Caruana pero` jirrizulta li fil-gakketta l-hadra ta' l-appellant ta biss daqqa t'ghajn izda kien prezenti meta nstabet borza ohra bl-eroina fiha minn pulizija mill-iskwadra kontra d-droga (u cioe` minn P.C. 612 Michael Cutajar); is-sejba ta' din il-borza hi fil-fatt ikkonfermata wkoll mill-Assistent Kummissarju (illum Kummissarju) John Rizzo u mill-Ispettur Neville Aquilina.

Minn ezami akkurat li din il-Qorti ghamlet tal-provi kollha migbura,  hi soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emmnuti, jiggustifikaw il-verdett milhuq mill-gurati fuq kull kap. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun

azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita` kif stabilew il-gurati. Il-provi huma tali li in bazi taghhom, fl-assjem taghhom, il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu kif kkonkludew. Ghalhekk fic-cirkostanzi mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tinvadi t-territorju li huwa rizervat ghall-gurati.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Fil-mori ta' dan l-appell l-appellant intavola rikors fejn talab li din il-Qorti tawtorizzah jingungi bhala xhieda lid-Direttur tas-CCF u lit-tabib Dr. Joseph Tonna. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003 id-difensur ta' l-appellant indika li bix-xhieda msemmija xtaq jipprova li l-appellant ibati minn marda kronika ta' pressjoni gholja u qed jircievi kura medika ghaliha fil-facilita` korrettiva ta' Kordin. In vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti fis-sens li l-uniku aggravju kontenut fir-rikors ta' appell ta' l-appellant huwa michud, ma jidhrilhiex li hemm lok li jigu ngunti l-imsemmijin xhieda. Fi kwalunkwe kaz m'ghandha l-ebda diffikulta` taccetta d-dikjarazzjoni maghmula fil-11 ta' Dicembru 2003 mid-difensur ta' l-appellant bhala stat ta' fatt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' April 1998 fil-konfront ta' l-appellant Abdalla M. Hamed, b'dan li d-distruzzjoni tad-droga ghandha ssir mir-Registratur u okkorrendo bl-assistenza ta' l-Ispizjar Mario Mifsud fi zmien gimaghtejn millum u dan kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota prezentata mhux aktar tard minn jumejn millum li l-istess droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jipprezenta f'dawn l-atti proces-verbal bid-dettalji kollha tal-process ta' distruzzjoni. Flahharnett tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs li jkompli jaghti lill-appellant il-kura medika kollha mehtiega minhabba l-kondizzjoni kronika tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------